# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Frar, 2016.**

**Rikors Numru 1776/2015 SM**

**Fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 1776/15 fl-ismijiet:**

**Mary Penza I.D. 203549 M bint Carmel u Angel nee` Fava mwielda u residenti Luqa, Joseph Penza I.D. 769345 M bin Andrew Penza u Carmen Cachia mwieled u residenti Luqa, Teresa Cutajar Penza I.D. 569644 M u Maria Rosa Spiteri I.D. 623749 it-tnejn ulied Andrew Penza u Carmen Cachia mweldin u residenti Luqa, Mary Abela Penza I.D. 147352 M bint Andrew Penza u Carmen Cachia mwielda Luqa residenti Attard u Raymond Penza I.D. 598356 M bin Andrew u Carmen Cachia mweldin u residenti Luqa.**

**vs.**

**Grace Casha I.D. 199453 M bint Andrew Penza u Carmen Cachia mwielda u residenti Luqa**

**Angelo Casha I.D. 279056 M bin Angelus Casha u Carmela Montebello mwieled Qormi u residenti Luqa**

**Marisa Casha I.D. 148082 M bint Angelo Casha u Grace Penza mwielda Pieta` u residenti Qormi**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat datat iz-17 ta' Novembru, 2015, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll iz-17 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors:

   2.1. Laqghet provizorjament il-mandat in dizamina;

   2.2. Ordnat in-notifika tal-istess rikors guramentat promotur lill-kontro-parti;

   2.3. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 1 u 3);

3. Rat id-dokumenti prodotti mir-rikorrenti;

4. Rat ir-risposta datata l-20 ta' Jannar, 2016, (ara foll 34);

5. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-intimati;

6. Tissottolinea li l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti ghazel li ma jidhirx fl-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni tal-istess rikors;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

7.1. Illi din il-procedura giet intavolata biex tikkawtela l-kreditu minnhom avvanzat fil-konfront tal-intimati;

7.2. Illi ghalhekk qed jitolbu li l-istess intimati jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu, anke gratwitament, mis-segwenti proprjeta`:

7.2.1. 115, St. George's Road, Luqa, ossija 115, "St. George's House", Triq Giuseppe Ellul, Luqa;

7.2.2. 31, "Rom Rose", Valletta Road, Luqa;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

8.1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

8.2. Illi ma jezistux r-rekwiziti rikjesti mill-ligi ghall-hrug tal-mandat in dizamina, u dan, *stante* li ma jezisti l-ebda pregudizzju irrimedjabbli li r-rikorrenti jistghu jsofru;

8.3. Illi l-valur involut gia` jinsab kawtelat mill-massa tal-assi ereditarji konsistenti f'diversi immobbli u numru mhux zghir ta' kontijiet bankarji;

8.4. Illi l-ebda wiehed minn dawn l-assi mhu fil-pussess effettiv tal-intimati;

8.5. Illi *di piu`*, l-proprjetajiet indikati mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom jappartjenu esklussivament lill-intimati Grace u Angelo Casha, liema proprjetajiet ma jiffurmawx parti mill-eredita` in dizamina;

8.6. Illi *di piu`*, fil-konfront tal-imsemmija Angelo u Marisa Casha, l-istess rikors promotur u infondat *stante*:

8.6.1. Illi dawn jigu rispettivament ir-ragel u bint l-intimata l-ohra;

8.6.2. Illi l-proprjeta` in dizamina tappartjeni lill-proprjeta` parafernali t'Angelo Casha;

8.6.3. Illi *stante* li ommha ghadha hajja, Marisa Casha m'ghandha l-ebda dritt jew obbligu fil-wirt t'ommha;

8.6.4. Illi ghalhekk Angelo u Marisa Casha qatt ma jistghu jkunu suggetti passivi fl-att kawtelatorju in dizamina;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-iskop tal-procedura odjerna hu dak li *prima facie*, tipprotegi d-drittijiet li jistghu jigu vantati fl-istess procedura u dan, billi zzomm lil minn ikun involut milli taghmel xi haga li twassal ghal xi pregudizzju irrimedjabbli;

Ikkunsidrat:

10. Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta li t-talba promossa mir-rikorrenti tirrizulta prematura *stante* li l-immobbli li l-istess rikorrenti jiffukaw fuqhom fir-rikors promotur taghhom jirrizulta li ghadhom ma intirtux;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprovaw it-talbiet taghhom skont il-ligi fil-livell tal-*prima facie* kif rikjest mill-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

11.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

11.2. Takkolji r-risposti tal-intimati;

11.3. Tiddikjara li qeghda allura tirrevoka *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha fuq indikat, (ara paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel), datat iz-17 ta' Novembru, 2015;

11.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**